Premiére tal-Oratorio

# Il-Ħolma taż-Żebbuġin

Sala Sir Temi Żammit,
L-Università ta' Malta

Is-Sibt 18 ta' Mejju 2013

Għaqda Każin Banda San Filep
A.D. 1851

# L-Għaqda Każin Banda San Filep
**A.D. 1851**

**għandha pjaċir tippreżenta**

# Il-Première tal-Oratorio

# Il-Ħolma taż-Żebbuġin

**fl-okkażjoni**

## tal-150 sena mill-wasla
## tal-istatwa ta' San Filep.

**Fis-Sala Sir Temi Zammit, L-Università ta' Malta**

**taħt il-presidenza ta'**

## l-Onor. Evarist Bartolo
**B.A.(Hons), M.Ed.(Wales), M.P.**
**Ministru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol**

# Messaġġ mill-President tal-Għaqda Każin Banda San Filep A.D.1851

## It-Tabib Philip Sciortino

Il-wasla tal-istatwa ta' San Filep kienet u għadha avveniment uniku għal Ħaż-Żebbuġ u għall-istorja tal-Arti f'Malta. Din l-istatwa saret l-emblema ta' komunità li kienet ilha tiżviluppa sens qawwi ta' identità marbut mat-twemmin u man-Nazzjon Malti. Fiċ-ċokon ta' din il-belt issawru personaġġi u avvenimenti kbar. Dan mhux b'kumbinazzjoni iżda hu frott ta' storja twila ta' poplu għaqli u ħabrieki. L-istatwa hija wkoll simbolu ta' dan il-proċess soċjo-ekonomiku daqskemm simbolu ta' devozzjoni ġenwina u popolari.

Ma jistax jonqos li l-Għaqda Każin Banda San Filep terġa' tfakkar din il-ġrajja li kitbu missirijietna, parti minnha mfassla minn ġo ħdan l-istess soċjetà.

Dan l-Oratorio, miktub mill-Imħallef Emeritu Dr Philip Sciberras li tant iħobb lil raħal twelidu u dak kollu li jfakkru fil-memorji sbieħ ta' Ħaż-Żebbuġ ta' dari. Bħall-kitba, hekk ukoll il-kompożizzjoni mid-direttur mużikali tas-Soċjetà Richard Bugeja, issawret f'tebqa t'għajn tant kemm ħarġet sew mill-qalb kemm mill-abbiltà. Radd il-ħajr lil kull min ta sehmu, iżda b'mod partikulari lil Tarċisio Mifsud li tant ħadem biex dan l-Oratorio llum seta' jittella'.

Nixtieqilkom serata divertenti.






**"Għall-okkażjoni ta' meta saret l-istatwa u x'aktarx fl-istess sena tal-1863, f'Ruma saret inċiżżjoni tal-istess statwa bil-pedestall b'kollox minn Nicola Sangiorgi (attiv 1844-1863). Difatti, l-iskrizzjoni fil-qiegħ tal-istampa tgħid hekk: L.Fontana inv[enit] sculp[sit] - N. Sangiorgi inc."**

***(Dr. Albert Ganado, fl-Atti tas-Simposju: Luigi Fontana, 100 sena minn mewtu, 2008, p14)***

# Tagħrif
# fuq l-istatwa tal-Fidda ta' San Filep

Iddisinjaha u ħadimha Luigi Fontana, artist Taljan minn Montesanpietrangeli, li kien għad kellu biss 33 sena u li kien l-aħjar fost l-artisti li kienu jaħdmu fil-*bottega* ta' Tommaso Minardi f'Ruma. Din il-*bottega* kienet magħrufa ferm u kienet imfittxija ħafna għall-opri artistiċi fil-knejjes taljani.

L-istatwa lesta ġibdet l-ammirazzjoni ta' kull min raha, kemm fost l-artisti u kemm mill-popolin, sew f'Ruma kif ukoll f'Malta. Wara li kienet tqegħdet għall-wiri fil-Vatikan fejn il-Papa Piju IX berikha u għanieha b'indulġenza ta' 100 jum, l-istatwa waslet Malta fid-29 ta' Lulju 1863 fuq il-vapur Franċiż MV Aunis. Magħha ġie l-iskultur Fontana. Fontana ħa ħsieb jgħaqqadha; biċċa xogħol li saret fil-kappella tal-Kunċizzjoni fit-tarf ta' Ħaż-Żebbuġ. Minn hemm ittieħdet fil-kappella tal-Madonna tal-Anġli fejn kienet esposta għall-pubbliku mit-2 t'Awwissu 1863 sal-ewwel jum tat-tridu fit-8 ta' Mejju 1864 meta l-istatwa ttieħdet fil-knisja Arċipretali. Fost il-kitbiet ta' tifħir għal dan il-kapulavur artistiku li tnebbħu mill-ġmiel u l-artistrija tiegħu nsibu:

**ġie l-iskultur Fontana mhux ġew**

- **Dr Nikola Zammit**, fir-rivista "L'Arte":
  "Quddiem din l-istatwa wieħed għandu jinsa kull spiża u jammira s-sbuħija li tista' toħroġ mill-Arti. Is-sagrifiċċji kbar taż-Żebbuġin tassew taw il-frott tagħhom. L-istatwa tal-fidda hi xogħol perfett li tħallik imsaħħar wara s-sbuħija li taf issawwar l-Arti u ma tħallikx tagħti każ tal-ispejjeż li saru. Ebda artist ma kien jirnexxilu joħlom statwa iżjed perfetta u mistika biex juri wieħed mix-Xandara tal-antik. L-Istatwa ma jixirqilhiex ħarsa ħafifa, ħafifa. L-Istatwa għandha dehra maestuża, qawwa ta' għemil, bixra li timpressjona. Kollox juri l-Istorja tal-qaddis, fi kliem ieħor poeżija minn kull fejn tħares".
- **Antonio Espinosa**, kritiku tal-Arti,
  "L-istatwa tal-fidda ta' San Filep hija opra li tistħoqqilha l-attenzjoni minħabba l-kwalitajiet artistiċi li għandha u l-fatt li hija unika fil-ġeneru tagħha f'Malta. L-istatwa tirrappreżenta lil San Filep bilwieqfa liebes il-paramenti sagri, qed jagħti l-barka tiegħu lill-fidili waqt li fl-istess ħin jgħaffeġ serp mal-art b'tarf ta' baklu għamla ta' salib. Għalkemm vigoruża, mimlija ħajja u movimenti, din il-figura virili hija mneżżgħa minn dawk l-eċċessi teatrali u psewdo-barokki, karatteristiċi ta' bosta vari Maltin".
- **Mons Pawl Pullicino**,
  "Fontana, artist li għalkemm żgħir fiż-żmien, f'din l-istatwa wera kobor artistiku".
- **Achille Ferris**,
  "L-istatwa ta' San Filep hi kolossali, din maħduma Ruma minn Luigi Fontana, tisboq kull tifħir".
- **Pietru Pawl Castagna**,
  "L-istatwa ta' San Filep hija opra famuża tal-fidda".
- **Dun Salv Ciappara**,
- "Din l-Istatwa swiet ħafna imma hi kapulavur. Il-panneġġi, jiġifieri l-ilbies, huma l-iżjed naturali, il-wiċċ hu divin".
- **Il-Kavallier Tommaso Minardi**
  Wara li faħħar il-qalb tajba taż-Żebbuġin fir-rigali li taw lil Fontana qal li "kull rigal hu żgħir quddiem il-kobor tax-xogħol ta' Fontana."
- Il-ġurnal "**L'Ordine**"
  Kiteb fuq kemm il-Papa Piju IX baqa' mistagħġeb bix-xogħol sabiħ u perfett tagħha u kemm ammirawha n-nies li marru jarawha meta kienet esposta fil-librerija pubblika ta' Ruma.
- L-"**Osservatore Romano**" - il-ġurnal uffiċjali tal-Vatikan –
  "Il-ħsieb li lilu l-artist ta l-ħajja, hu sabiħ u imponenti. Id-disinn, l-aktar ir-ras, hu nobbli u bi ħsieb, ix-xogħol hu milqut".

L-Għaqda Banda San Filep sa mill-bidu għenet biex inġabru l-fondi għall-proġett tal-istatwa.

Dan il-kapulavur artistiku huwa partimonju nazzjonali, wirt li ħallewlna missirijietna. Kif inhu dmirna aħna ngħożżuh u nieħdu ħsiebu.

## L-ORATORIO

# Il-Ħolma taż-Żebbuġin

**Kliem tal-Imħallef Emeritu Dr Philip Sciberras** LLD
**Mużika ta' Mro Richard Bugeja** FLCM, FVCM(Hons.)

## It-Tifsir tal-Oratorju

Bla dubju l-Oratorju nkiteb għall-okkażjoni fuq stedina mħeġġa li saritli mill-Każin Banda San Filep fl-1 ta' Ottubru, 2012.

Ħsiebi kien li nsawru fi tliet taqsimiet. L-ewwel nett, il-viżjoni tar-raħal ta' Ħaż-Żebbuġ kif kont nimmaġinah li kien lejn in-nofs tas-seklu dsatax: imdawwar bl-għelieqi u bil-widien u niesu gabillotti ħawtiela.

Fit-tieni parti, il-ħolma tal-qassis ħabrieki Dun Salv Trevisan biex il-knisja tar-raħal, iddedikata minn żmien l-antik lil San Filep t'Aġġira, ikollha statwa li tixraq lit-titolari tagħha, iż-żelu tan-nies tar-raħal li ħabirku bil-kontribuzzjonijiet, l-għażla tal-iskultur Fontana biex inaqqaxha, il-mixja twila biex l-opra titlesta, u l-ammirazzjoni tal-bosta minn dawk iż-żminijiet imbegħda sal-preżent.

It-tielet parti hi marbuta mal-wasla tal-istatwa fl-1863, il-ferħ taż-Żebbuġin. Aktar tard il-foħrija mill-Poeta Dun Karm li żewwaq l-innu, l-indukrar tal-istatwa f'qillet il-gwerra, bl-għeluq tal-ġieh misthoqq lil min ħolomha, naqqaxha, u għal missirijietna li ħabirku tant għaliha. Naturalment, l-akbar ġieh hu finalment riżervat lill-Qaddis Patrun tar-raħal kif ippersonifikat fl-istatwa.

# Dr Philip Sciberras LLD
# Imħallef Emeritu



Twieled Ħaż-Żebbuġ fis-7 ta' Ottubru, 1945 fejn trabba, għex tfulitu u żgħożitu sakemm iżżewweġ fid-9 ta' Ottubru 1977, lil Rose nee` Apap. Maż-żwieġ mar joqgħod l-Imsida. Għandu tliet ulied Lara, Alex u Andrew, it-tlieta avukati; hu nannu ta' ħamsa.

Ħa l-edukazzjoni tiegħu fil-Kulleġġ San Alwiġi u fl-Università ta' Malta minn fejn iggradwa fil-kors tal-liġi fl-1973. Għal tmien snin (mill-2002 sal-2010) serva bħala Imħallef fil-Qrati Superjuri sal-età tal-pensjoni (65 sena).

Kien jimmilita fil-Partit Laburista u kien anke membru Parlamentari bejn l-1979 u l-1987.

Kien wieħed mill-ewwel membri tal-Moviment Qawmien Letterarju fis-sittinijiet u ppubblika diversi poeżiji bil-Malti fil-kotba *Priżmi, Dawl fil-Persjani u Mandala*.

Għal sena kien Segretarju taż-*Żebbuġ Rangers Football Club*, u fil-preżent huwa President Onorarju sew tal-Każin Banda San Filep kif ukoll tal-Każin San Ġużepp, f'Ħaż-Żebbuġ.

Riċentement ġie maħtur membru ta' *Żebbuġ Heritage Foundation*.

# Mro Richard Bugeja FLCM, FVCM(Hons.)



Is-Surmast Richard Bugeja twieled ir-Rabat Malta nhar is-16 ta' April, 1968, u joqgħod Ħad-Dingli. Huwa ħareġ idoqq għall-ewwel darba bil-klarinett mal-Banda *L'Isle Adam* fil-festa ta' San Ġużepp tar-Rabat f'Marzu tas-sena 1981. Huwa tħarreġ fis-sulveġġ mas-Sur Joe Falzon u wara kompla l-istudji tiegħu fil-klarinett għand Ġużeppi Debono, Twanny Galea u Mro. Orazio Cachia. Bugeja daqq ma' bosta baned Maltin u b'hekk kellu x-xorti li jiltaqa' ma' ħafna surmastrijiet magħrufa. Huwa ħa sehem f'bosta programmi u anke servizzi, kif ukoll siefer ma' diversi baned.

F'Ġunju tal-1990, huwa nħatar assistent surmast u għalliem mal-Banda L'Isle Adam tar-Rabat, liema kariga għadu jokkupa sal-ġurnata tal-lum. F'Jannar tas-sena 1992, huwa kien mistieden mill-Banda Santa Elena ta' Birkirkara biex jibda jgħallem l-istrumenti tal-qasba fi ħdan din is-Soċjetà. Wara ftit taż-żmien inħatar ukoll assistent surmast tal-Banda Santa Marija ta' Ħad-Dingli. Kien f'Ottubru tas-sena ta' wara li Bugeja nħatar surmast direttur ta' din il-banda. Mro Richard Bugeja nħatar ukoll surmast direttur tal-Banda San Filep ta' Ħaż-Żebbuġ f'Ottubru tas-sena 2002, wara li kien ilu jokkupa l-kariga ta' assistent surmast sa mill-1 ta' Novembru, 1999.

Fl-1992, is-Surmast Bugeja kiseb diploma importanti fil-qasam bankarju u sar *Associate of the Chartered Institute of Bankers* (ACIB).

Fl-istess sena, huwa beda l-istudju tiegħu fit-teorija tal-mużika għand Mro Raymond Fenech FLCM. Taħt id-direzzjoni tiegħu, Bugeja għadda b'suċċess mill-gradi kollha tar-*Royal School of Music* u f'Diċembru tal-1994, huwa sar ukoll *Associate of the London College of Music*. Kien fis-sajf tas-sena 2003 li Bugeja kiseb ukoll il-*Licentiateship* tal-istess kulleġġ.

Matul dan iż-żmien, Bugeja kkompona diversi marċi brijużi fosthom *Wenzu u Sħabu tan-Nar* iddedikat lid-dilettanti tan-nar fi ħdan l-Għaqda Każin Banda San Filep, marċi funebri fosthom il-famuż *September 11, 2001*, *suite* f'ħames movimenti bl-isem *Toddler's Suite* ddedikata lit-tifel tiegħu Matthew, *beguine* bl-isem ta' *A Tribute to Francis Ebejer* (2000), *Introducing the Band* (2003) li naturalment hija silta mużikali meqjusa bħala *band opening* kif ukoll xogħol sagru għat-tenur u l-banda bl-isem ta' *Is-Seba' Kelmiet*. Xogħlijiet mużikali oħra tiegħu jinkludu *Ave Maria* (2005), is-*suite Malta through the Ages*, it-*tone poem Civitatis Rohan* (2006), il-*Preghiera Bil-glorja tal-Mirakli* (2008) u anke *antifona* lil San Filep bl-isem *Int Ħriġt Rebbieħ* (2008), *Ħienja,* b'dedika lis-Sopran Joan Mangion (2010), *L-Oratorio - San Filep Sebħ Aġġira* (2011), l-Oratorjo lil San Filep, mużika u versi wkoll ta' Bugeja. Madankollu, Bugeja għamel ukoll għadd ġmielu ta' traskrizzjonijiet u arranġamenti mużikali għall-banda.

Is-Surmast Richard Bugeja huwa miżżewweġ lil Jacqueline mwielda Agius u bħalu wkoll iddoqq il-klarinett. Huma għandhom żewġt ulied, Matthew u Demetria

Kompożizzjonijiet riċenti tiegħu huma: is-suite '*Malta matul iż-Żminijiet*'(fl-2004) għall-banda, solisti, kor SATB u narratur u li biha ġab il-*fellowship tal-London College of Music*; il-Cantata '*Mbierka fost in-Nisa*' għall-banda, solisti, kor SATB u narratur u li biha kiseb b'*Honours* il-*fellowship* tal-*Victoria College of Music* kif ukoll il-medalja tad-deheb f'kompetizzjoni tal-istess kulleġġ.

# Il-Ħolma taż-Żebbuġin

*Narratur*

Raħal imħaddar fiċ-ċentru ta' Malta
jgħaqqduh Ħal-Mula, Muxi u Ħal-Dwin,
magħruf għal ġmielu fost l-irħula kollha
w għas-siġar taż-żebbug, żejtni u bnin.

Mifrux madwaru twapet ta' għelieqi
w imdawwar minn kull naħa mill-widien,
minn sbiħ fil-għodu sa għabex fl-għaxija
il-bdiewa tiegħu jaħdmu bla waqfien.

Bl-uċuh fit-tira[1] u s-sekkan fir-radda[2]
bil-ħrit tal-bhima qabel żrigħ t-tgħam[3],
fl-andar[4] jidirsu l-qmuħ u jdoqqu l-qoton[5]
sakemm ilewwħu[6] l-ġbir u jsir l-għarram[7].

Minn kollox kellu dan ir-raħal kburi
sa tempju mdaqqas b'lehma[8] tal-lellux[9]
ikkonsagrat lil San Filep t'Aġġira
'mma statwa tat-titolari ma kellux.

*Kor*

Kienet nitfa żerriegħa f'moħħ min ħolom dwarha
fl-imbegħda sena elf tmien mija u sittin,
stinka kemm felaħ ħa jnibbitha sewwa
din iż-żerriegħa f'qalb iż-Żebbuġin.

*Sopran*

Ħerqana l-kbarat, għatxana n-nies komuni
ħa jkollhom statwa tal-Patrun qaddis,

*Sopran u Tenur*

mhux l-anqas fosthom min b'żerriegħa ħolom
Dun Salv Trevisan, żagħżugħ qassis.

*Kor*

B'ħeġġa u bżulija l-poplu kkontribwixxa

*Baritonu*

beda ma' kullimkien il-ġbir, saru l-għotjiet,
ħxejjex u tjur, qoton u qamħ 'l għelieqi
l-għaraq tal-ħidma jagħti l-frottijiet.

---

[1] Tira = umdità li titla' minn taħt u tagħmel il-ħamrija niedja u ratba
[2] sekkan fir-radda = ix-xafra tal-moħriet (sekkan = plural ta' sikka / sikka kbira)
[3] tgħam = qmuħ, ġwież, ċereali
[4] andar = qiegħa fejn jitferrex u jindires il-qamħ
[5] Idoqqu l-qoton = iballtu jew isawtu l-qoton
[6] ilewwħu = iħaffru, jtellgħu u jwaddbu f'imkien ieħr b'għodda apposta
[7] għarram = tgeddes f'munzell; tagħmel borġ
[8] lehma = meta xi ħadd jiġi mnebbaħ/ispirat
[9] lellux = xitla tal-kampanja bi fjur isfar sabiħ

*Kor* Ħabirku wkoll fil-ġbir is-soċji tagħha
*Baritonu* għad li l-banda kellha għaxar snin,
*Sopran u Tenur* mar-raħal kollu ġrew b'żelu stellieri
ħa jagħmlu ġieħ u glorja lill-Każin.

*Sopran* Intgħażel l-iskultur, inħatru d-deputati
intogħġob d-disinn, tħejjiet litografija,
*Sopran Tenur u kor* inxtara l-materjal prezzjuz tal-fidda
biex Ruma tnaqqax statwa bi kburija.

*Baritonu* Mhux bla taqtigħ il-qalb mixjiet il-ħidma
mhux mingħajr għelt, mhux lanqas bla tbatija,
u għalkemm l-għawġ ħabat ifixkel l-opra
*Kor* ir-rieda kienet ferm aktar qawwija.

*Narratur* U twelldet iż-żerriegħa li inħolmot
tnaqqxet fis-sura ta' San Filep tagħna,
kapolavur skond kull min raħa u stgħaġeb
bil-ħila tgħaxxaq tal-artist Fontana.

Sopran,
*Tenur u kor* Kliem ta' tifħir mill-bosta li żaruha
u radd il-ħajr mżewwaq b'devozzjoni,
sal-Papa Piju disgħa mar berikha
fil-Vatikan esposta għall-okkażjoni.

Kif jonqos li tammira l-kobor tagħha
tberik l-idejn, l-arti tal-wiċċ divin,
stħajjil il-mixja tterraq fost il-poplu
opra ta' klassi għalina ż-Żebbugin.

*Narratur* Wasal il-jum mistenni b'ħerqa kbira
is-sena elf tmien mija tlieta u sittin,
mal-wasla tal-vapur[10] inġarret bilġri
ġor-raħal mimli ferħ, briju u tiżjin.

*Sopran* Minn kull rokna tar-raħal ġew kotrana
nisa nissieġa, bdiewa w imgħallmin[11]
*Sopran u Tenur* ħa jagħtu ħajr lill-iskultur li naqqax
*Kor* San Filep, il-qerried tal-imxajtnin.

*Baritonu* Xehdu lkoll kobor il-id naqqiexa
*Sopran* xehdu frott it-tħabrik u t-tbatija,
*Baritonu u Kor* xehdu d-dmugħ imqanqal minn għajnejhom,
*Tenur u Kor* xehdu l-Patrun qaddis u tawh foħrija.

---

[10] MV Aunis Miegħu ġew ukoll l-iskultur Luigi Fontana, Dr Nikola Zammit u l-Baruni Vincenzo Azzopardi.

[11] imgħallmin = persuni professjonali f'xi sengħa. Fil-kuntest t'hawn fuq l-imgħallem kien dak 'is-sinjur' li jqassam ix-xogħol lin-nissieġa, jissorveljahom u jieħu ħsieb in-negozju tal-qoton.

| | |
|---|---|
| *Narratur* | Għadda ż-żmien; twieled l-għannej tar-raħal[12]<br>bil-pinna jżewwaq vrus mirqum sabiħ,<br>b'dik l-għajta tidwi l-ferħ u żżid fil-qima<br>bil-fehma waħda ta' mħabba u ġieħ. |
| *Sopran* | Ma setax jonqos li mill-fond ta' qalbhom<br>ulied ir-raħal b'għożża u kburin |
| *Sopran u Tenur* | ilissnu b'qawwa l-innu ta' San Filep<br>f'kull festa lill-qaddis matul is-snin. |
| *Narratur* | Gerrbu s-snin, gerrbu l-anniversarji<br>u n-nies tar-raħal baqgħu jindukraw<br>l-istatwa tal-Patrun minn qillet l-għadu<br>biex lilha jkomplu jqimu u jammiraw |
| *Narratur* | Din wirt missirijietna għadha magħna<br>biex lil Belt De Rohan tagħmillu ġieħ,<br>għax fiha n-nies mistagħġba tara lilu:<br>San Filep trijonfanti u rebbieħ. |
| *Kor* | Illum ninsabu hawn ilkoll miġbura<br>biex flimkien nagħtu dan il-ħajr mistħoqq,<br>b'dan l-oratorju jidwi ġo widnejna<br>ma' kull nota tal-banda qegħda ddoqq. |
| *Sopran* | U ma nistgħux ninsew lil dawk li telqu<br>f'xi art imbegħda jew fil-ksieħ tas-sliem, |
| *Sop,Ten u Bar* | Żebbugin bħalna dawn għalkemm mifruda<br>mill-ġibda ssaħħar ta' dawn l-aħħar kliem: |
| *Solisti u Kor* | Ġieħ lill-istatwa, ġieħ lil min ħadimha,<br>ġieħ lil kull min fl-antik ħabrek għaliha,<br>ġieħ lir-reffiegħ li fuq spalltu għabbiha,<br>ġieħ akbar lil Patrun mnaqqax fiha. |

**Philip Sciberras**
*23/10/2012*

[12] Il-Poeta Nazzjonali, iż-Żebbuġi Dun Karm Psaila

# Programm Mużikali mill-Banda San Filep biex tfakkar il-150 sena mill-wasla tal-istatwa tal-fidda ta' San Filep f'Ħaż-Żebbuġ (1863 – 2013)

18 ta' Mejju 2013

| | | |
|---|---|---|
| Innu | **Innu Popolari lil San Filep** | Giuseppe Caruana/D. Karm Psaila |
| Oratorju | **San Filep Sebħ Aġġira**<br>*Lqajt sejħet San Pietru* | Richard Bugeja |
| Innu | **Inno A San Filippo d'Aggira**<br>*Ward Sabiħ illi jiftaħ bl-imħabba* | Orlando Crescimanno |
| Cantata | **Filep**<br>*Stqarrilna b'ferħ ma jitfissirx* | Ray Sciberras/Frans Sammut |
| Elegia | **'In Sepulcrum'**<br>1 Mvmto – Ante Obitum<br>2 Mvmto – Post Obitum | Adeodato Gatt |
| Lyric suite | **In Argyriensis**<br>*I Jubilate Deo*<br>II Laudamus<br>III In Gloriam Domini | Richard Bugeja |
| Oratorju | **Il-Ħolma taż-Żebbuġin** | Richard Bugeja/Philip Sciberras |
| Innu Marċ | **Ġieħ lil San Filep t'Aġġira** | Richard Bugeja /Pawlu Mifsud |
| Innu | **Innu tal-Banda San Filep** | Adeodato Gatt /Philip Farrugia |
| | **L-Innu Nazzjonali** | Robert Samut/Dun Karm Psaila |

| | |
|---|---|
| Surmast Direttur: | Mro Richard Bugeja FLCM, FVCM (Hons.) |
| Sopran: | Joan Mangion |
| Tenur: | Joseph Aquilina |
| Baritonu: | Alfred Camilleri |
| Kantanta: | Albertine Abela |
| Kor: | Santa Monika immexxi minn Sr. Beniamina Portelli |
| Vjolinista: | Dr Joseph Chetcuti |
| Narratur: | Joseph Cortis |
| Preżentaturi: | Brian Bonnici u Tanya Borg |

# Xi Tagħrif fuq is-siltiet mużikali

- Dun Karm Psaila kiteb l-**Innu Popolari lil San Filep** fl-1924, is-sena li fiha Ħaż-Żebbuġ fakkar il-200 sena millmiġja tar-relikwa ta' San Filep minn Aġġira. Kien fl-1950 li beda jitkanta fil-knisja għalkemm il-Banda San Filep kien ilha li bdiet iddoqqu.

- L-Oratorju **San Filep Sebħ Aġġira** bi lirika u mużika tas-Surmast Richard Bugeja tlesta fl-2007. Dan ix-xogħol, Opus 42, indaqq għall-ewwel darba ġewwa l-Arena ta' Montekristo fl-okażjoni tal-160 sena mit-twaqqif tal-Banda San Filep fl-2011. Minn dan l-oratorju llum ser nisimgħu dwett mis-Sopran u t-Tenur, illi jġib l-isem **Lqajt sejħet San Pietru**.

- L-**Inno a San Filippo D'Aggira** nkiteb minn Orlando Crescimanno fl-1920. Din is-sena, 2013, dan l-innu ġie wkoll irrekordjat fuq is-*CD* ġdida li ħarġet il-Banda San Filep li fiha tiġbor diversi innijiet oħra. Minn dan l-innu ser nisimgħu l-aria tas-Sopran li ġġib l-isem **Ward Sabiħ illi jiftaħ bl-Imħabba.**

- Il-Cantata **Filep** ukoll kienet indaqqet għall-ewwel darba fl-arena ta' Montekristo fl-2011.

  Il-kliem kien inkiteb mill-President Onorarju, Frans Sammut, li ma kellux ix-xorti li jisimgħu sħiħ għax ħalla din id-dinja qabel ma sar l-programm. Huwa ħadem mill-qrib mal-kompożitur Mro Raymond Sciberras li huwa magħruf sew fil-qasam mużikali. Minn din il-Cantata ser nisimgħu dwett bejn il-Baxx u t-Tenur illi jġib l-isem ta' **Stqarrilna b'ferħ ma jitfissirx**.

- **In Sepulcrum** hija Eleġija b'forma ta' *marcia* maqsuma f'żewġ movimenti. L-ewwel moviment jismu Ante Obitum filwaqt illi t-tieni moviment jismu Post Obitum. Dan il-kliem ifissru qabel u wara l-mewt u jirriflettu ħajjet San Filep. Din il-kompożizzjoni nkitbet mis-Surmast Adeodato Gatt fl-1946. Das-Surmast ħalla diversi xogħlijiet sbieħ fl-arkivju tal-Banda San Filep, fosthom insemmu l-*Omaggio* u anke l-innu tal-Banda.

- **In Argyriensis** tfisser f'Aġġira, il-belt fi Sqallija fejn San Filep għex u miet. Din hija kompożizzjoni fi tliet movimenti Jubilate Deo, Laudamus u In Gloriam Domini. Tliet pitturi ta' San Filep ispiraw lil Mro Richard Bugeja biex jikteb din is-*suite* għall-vuċijiet. **Jubilate Deo** turi l-wasla ta' San Filep f'Aġġira. **Laudamus** tirrappreżenta l-mirakli li l-Qaddis kien jagħmel. **In Gloriam Domini** tiddeskrivi l-mewt u l-passaġġ għall-ħajja ta'dejjem. Dan ix-xogħol, *Opus 56*, tlesta fit-8 ta' Marzu 2009. Il-kliem bil-latin hu dan:

  Principe Phillippus
  Sancte Appostole
  Triumphato
  Patris Protector
  Homo Fidei Plenus
  Discipulus Christi
  Discipulus Fidelis.

  Laudamus Phillippus
  Benedictus
  Cum Sancto Spiritu
  Annuntiate Inter gentes opera
  In sephulcrum
  Gloria, in excelsis
  Hosanna, Hosanna.

- Il-lirika tal-innu **Ġieħ lil San Filep t'Aġġira** qed inġibuh hawn taħt kif ittajpjata mill-Poeta nnifsu għoxrin sena ilu. Il-mużika *opus 73* li nkitbet minn Mro Richard Bugeja tlestiet fit-30 ta' Settembru 2012. Dan l-innu huwa inkluż ukoll fis-*CD* il-ġdida li fiha ġabra ta' innijiet u antifoni sew mill-Banda kif ukoll mill-orkestra tal-Każin.

- Il-versi tal-**Innu tal-Banda San Filep** inkitbu mill-President ta' dak iż-żmien, il-Professur Philip Farrugia, fl-1926 u f'Diċembru 1928 kien immużikat minn Mro. Adeodato Gatt. Tkanta għall-ewwel darba fil-11 ta' Mejju 1931.



- L-Innu Nazzjonali Malti kitbu l-Poeta Nazzjonali, iż-Żebbuġi Dun Karm Psaila, fl-1922 wara li Robert Samut kien għadda l-mużika lid-Direttur tal-Edukazzjoni ta' dak iż-żmien, Dr Albert V. Laferla u dan talab lil Mons Psaila jikkomponilu għanja għat-tfal tal-Iskola.

Il-Banda San Filep taħt id-direzzjoni ta' Mro Richard Bugeja FLCM, VLCM(Hons) għadha kemm ħarġet CD ġdida b'mużika sagra. Fiha tliet taqsimiet:

- **Parti Orkestrali:** b'ensemble ta' 5 vjolini, vjolinċell, kuntrabaxx u strumenti oħra mill-banda. Din fiha l-*Innu Popolari*, il-*Preghiera bil-Gloria tal-Mirakli*, l-Antifona *Int Ħriġt Rebbieħ*, it-tnejn ta' Mro Richard Bugeja, l-Antifona *Per S. Filippi Argyiensis* ta' Mro Carlo Diacono.
- **Parti Moderna:** tinkludi l-innu ġdid *Sliem Għalik Filippu, Kullimkien* ta' Mro R. Bugeja b'versi ta' Pawlu Mifsud, u *Allelulja* mill-kitba bil-mużika *ir-Rebbieħ*.
- **Parti Bandistika** li fiha l-Innu Marċ *Ġieħ lill-Banda Ewlenija* ta' Mro Richard Bugeja u versi ta' Philip Agius, żewġ marċi ġodda proċessjonali ta' Mro R. Bugeja, l-Innu Marċ *Ġieħ lil San Filep* ta' Mro R. Bugeja versi ta' Pawlu Mifsud, l-innu l-kbir ta' Mro Orlando Crescimanno u l-Innu tal-Banda San Filep.

Jinstemgħu wkoll it-tenur Joseph Aquilina, is-sopran Joan Mangion, il-baritonu Ivan Vella, il-kantanta Albertine Abela u l-kor Mirabitur taħt id-direzzjoni ta' Simone Attard

**Nifirħu lil Mro Bugeja li għalaq għaxar snin bħala direttur tal-Banda San Filep**.

INNU ta' Ġieħ lil
SAN FILEP t'AGCIRA
Patrun ta' Ħaż-Żebbuġ



---

(1) GĦaliex dil-festa kollha,
Daw'l-folol kbar ta' nies?
Għaliex dawn qlubna mfawra
B'hena, b'ħeġġa bla qjies?

Għaliex illum dar-raħal
Isaħħrek bit-tiżjin?
GĦaliex illum San Filep,
Patrun taż-Żebbuġin.

RIT: O lilek Filippu,
Kull ġieħ, kull tifħir,
Għax Inti missierna,
Qaddis tassew kbir;
U lilek Filippu
Bil-wisq inħobbuk,
U b'xiehda ta' kliemna
Kull m'għandna nagħtuk.

::::::::::::::::::::::::::::::::::::::::

(2) GĦal min dad-daqq, dal-brijju
Mill-banda għażiża tagħna?
Dik l-ewwel fost kemm baned
Bihom Malta tistagħna?

Għal ħadd ħlief għal Filippu,
L-Appostlu kbir t'Aggira,
Sabiex kull sena nġeddu
Tiegħu l-egħżeż tifkira.

RIT: O lilek Filippu
eċċ. eċċ. eċċ.

::::::::::::::::::::::::::::::::::::::::

(3) Oħorġu dlonk bi ħġarkom
Tfal, xjuħ, nisa w irġiel,
Ma nħallu qatt l-imħabba
Fi qlubna għalih tidbiel.

Għal kbir San Filep tagħna,
Missier u protettur
Tar-raħal 'Semper Virens',
Li jħaddar dejjem żgur.

RIT: O lilek Filippu
eċċ. eċċ. eċċ.

PAWLU MIFSUD

14-6-93

Hawn fuq jidher il-kliem tal-innu kif ittajpjat mill-poeta fl-1993.

# L-Għaqda Każin Banda San Filep

Dokumenti fl-Arkivju tal-Parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ fis-sena A.D.1851 kienet organizzata jsemmu b'isimha lill-Banda San Filippo minn Mro Filippo Galea, u li ftit wara kellha wkoll is-soċjetà li tamministraha. Hija l-eqdem fost il-baned Maltin. Il-popolarità tal-banda kibret malajr tant li fl-10 ta' Frar 1859 nbdiet ġabra biex jinxtraw 15-il strument ġdid għal din il-banda u fl-istess sena sar l-ewwel palk għall-banda. Fl-1860 ħa l-banda f'idejh Indrì Borg li malajr żviluppaha fuq livell nazzjonali. Wara Indrì kompla ibnu Ġużeppi fl-1869.

## Rwol Importanti

L-Għaqda tal-Banda San Filep A.D.1851 dejjem kellha rwol ċentrali u importanti fil-ħajja soċjali u kulturali ta' Ħaż-Żebbuġ. Fl-1889 kellha taqsima tad-drama ***Teatrino San Filippo Indipendente*** li kienet ittella' drammi bit-Taljan u bil-Malti, u bejn l-1955 u l-1979 kellha l-uniku mkien għaċ-ċinema f'Ħaż-Żebbuġ, il-*Mayfair Cinema*.

Bil-mużika tagħha kkommemorat diversi persunaġġi Żebbuġin u ffesteġġjat avvenimenti importanti f'Ħaż-Żebbuġ u oħrajn nazzjonali. Fost dawn hemm l-inawgurazzjoni tal-Funtana tal-Ajkla mill-Gvernatur William Reid f'Misraħ San Filep fl-1855, id-dimostrazzjoni nazzjonali mill-Floriana sal-Belt Valletta favur il-ħatra ta' Kunsillieri ġodda tal-Gvern Ċivili fl-1888 flimkien ma' 10 baned oħra u l-għoti ta' xabla tal-unur lill-Gvernatur Lord Gort fl-1944 f'Misraħ San Filep meta rrappreżentat lill-baned maltin u s-soċjetà ċivili.

## Rikonoxximent

Il-banda, matul is-snin irċeviet bosta rikonoxximenti għall-ħidma volontarja siewja tagħha. Hekk fl-1856 l-Gvernatur William Reid taha b'rigal uniformi li kien ta' reġiment Ingliż li kien se jibdel il-kuluri tiegħu. Fl-1864 l-Arċipriet Francesco Borg irringrazzja bil-miktub lill-Għaqda tal-***Banda San Filippo*** għall-għajnuna li tat fil-ġbir ta' flus għall-istatwa tal-fidda ta' San Filep. F'April 1894 s-Segretarju tal-Kunsill tal-Gvern irrapporta li l-Banda San Filep kienet wettqet 28 servizz mużikali tul il-15-il xahar ta' qabel. Bosta nies illustri aċċettaw bil-ferħa li jkunu Presidenti Onorarji tagħha. Żaruha Gvernaturi, Presidenti tar-Repubblika, Prim Ministri, Ministri, Isqfijiet, u bosta dinjitarji oħra.

## Sehem kontinwu

Mill-bidu tagħha, il-Banda San Filep ħadet sehem regolari u bla waqfien fil-festa ta' San Filep u għal bosta snin ukoll fil-festi sekondarji f'Ħaż-Żebbuġ. Sal-1892 kienet, kull sena, takkumpanja waħida l-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira ta' Ħaż-Żebbuġ. Mill-1893 bdiet talterna mal-Banda De Rohan. Tieħu sehem kbir fil-festa ta' San Filep, bil-banda, il-logħob tan-nar, l-armar tat-toroq u l-briju, pubblikazzjonijiet, ir-radju tal-komunità kif ukoll torganizza purċissjoni ta' San Filep mit-tfal tal-Klabb tal-Istilla.

## Firxa akbar fil-ħidma

Fl-1921 ġiet organizzata l-amministrazzjoni tas-*St. Philip Fireworks Factory*. Fl-1955 tkabbar il-bini tal-każin u mbagħad fl-1978 nxtrat biċċa art li kienet tmiss mal-każin u nbniet fl-1990.

Fl-1980 twaqqfet is-Sezzjoni Nisa, fl-1986 dik taż-żgħażagħ u fl-2005 is-Sezzjoni Tfal tal-Istilla, għaqdiet meqjusa avangardisti għal żmienhom. Twaqqfu wkoll kummissjonijiet bi rwoli partikolari biex jieħdu ħsieb il-banda, l-armar tal-festa, in-nar, il-wirjiet tal-Ġimgħa Mqaddsa, l-attivitajiet kulturali l-IT, u r-radju tal-komunità. Fl-2008 twaqqaf is-*St. Philip Pageant Group* fi ħdan il-Kummissjoni Kultura.

Fost l-attivitajiet kulturali kbar organizzati mill-Għaqda nsibu serati ta' ġieħ lil nies famużi Żebbuġin, il-*musical* "Ir-Rebbieħ" (2007) fuq il-ħajja ta' San Filep, il-film "Xrar" li ntwera fis-swali taċ-ċinema ewlenin fl-2010, is-simposju fuq Luigi Fontana (2008) u ieħor fuq l-istatwa tal-fidda ta' San Filep fi ftit jiem oħra.

## Banda attiva

Kull sena tagħmel madwar 24 servizz mużikali. L-iskola tal-mużika tipprovdi tagħlim bla ħlas u tislef l-istrumenti lill-aljievi u lill-bandisti. Irrekordjat bosta mużika oriġinali fuq *CD's*. Għandha arkivju b'aktar minn ħamest elef kompożizzjoni mużikali li jibdew mill-1884, kollha klassifikati f'indiċi kompjuterizzat.





## Joan Mangion

Is-Sopran Joan Mangion hija waħda mill-kantanti ewlenin fil-qasam tal-lirika u l-opra f'Malta f'dawn l-aħħar 25 sena. Hija ddebuttat fuq livell lokali f'kunċert mal-Għaqda Każin Banda San Filep fil-festa tal-Patrun tar-raħal, u fuq livell nazzjonali fl-opra *Elisir d'Amore* fit-Teatru Manoel fl-1987.

Joan tħarrġet fit-teknika tal-mużika taħt id-direzzjoni ta' Maestro Carmelo Pace u Maestro Anthony Chircop u speċjalizzat fit-teknika u fil-perfezzjoni tal-vuċi taħt il-gwida tal-Professoressa Blagovesta Karnibatlova Dobreva tal-Università Statali ta' Sofija l-Bulgarija, kif ukoll taħt id-direzzjoni tal-Professoressa Giovanna Canetti tal-Konservatorju Giuseppe Verdi f'Milan fl-Italja. Mangion studjat Milan wara li ngħatat borża ta' studju mill-Istitut Kulturali Taljan fuq rakkomandazzjoni tal-mibki tenur Malti ta' fama internazzjonali Oreste Kirkop li ddeskriva l-vuċi tagħha bħala waħda mill-isbaħ f'Malta; ir-rakkomandazzjoni kellha l-għajnuna tal-mibki mużikologu Reverendu Dun Edward Borg Olivier. Is-Sopran Mangion kienet tintgħażel mill-Konservatorju minn fost 200 student ġejjin minn diversi pajjiżi biex tkanta fi rwoli prinċipali f'kunċerti li kienu jittellgħu mill-Konservatorju ta' Milan.

Mangion kellha sehem f'partijiet impenjattivi ħafna, u r-repertorju għani u estensiv tagħha jinkludi xogħlijiet minn opri, oratorji, kantati, *musicals* u kunċerti varji li jġibu l-firma tal-aqwa kompożituri lokali u barranin. Barra minn hekk, hija waħda mill-iktar kantanti liriċi popolari fl-ibliet u l-irħula Maltin matul il-festi titulari fejn hija tinterpreta ħafna kanzunetti klassiċi, semi-klassiċi, Naplitani u saħansitra *pop songs*. Hija kienet ukoll il-mistiedna speċjali ta' programmi televiżivi kif ukoll ġiet irrekordjata f'*compact discs*.

Mangion kantat kważi f'kull knisja u sala li nsibu f'Malta, hija kienet kantanta ewlenija fil-Kon-Kattidral ta' San Ġwann, f'kunċerti kbar li ttellgħu fil-preżenza ta' udjenzi internazzjonali li laqgħu l-parteċipazzjoni tagħha b'ċapċip kbir. Mangion kienet il-mistiedna speċjali fl-Università ta' Malta fl-okkażjoni taż-żjara ta' Roberto Benigni, l-attur Taljan ta' fama mondjali, li spontanjament faħħar l-interpretazzjoni tagħha fil-preżenza tal-membri akkademiċi tal-Alma Mater tagħna.



## Joseph Aquilina

It-tenur Joseph Aquilina studja l-vuċi f'Malta kif ukoll f'Londra. Fil-preżent huwa gwidat minn Juliette Bisazza Zanni. Interpreta tajjeb partijiet principali fl-Opri *Aleko, Madam Butterfly, Cavalleria Rusticana,* u fl-Operetti *La Vedova Allegra, La Principessa della Czarda, L'Aqua Cheta, Il Paese dei Campanelli*, u *Chess*. Kellu wkoll parti fl-opri *Otello, Macbeth, Norma, Rigoletto*, *Tosca, I Martri, Compostella* u *The Maltese Cross*.

Kanta f'kunċerti prestiġjużi li jinkludu l-*Carmina Burana* ta' Orff, ir-*Requiem* ta' Lloyd Webber, in-*Ninth Symphony* ta' Beethoven, il-*Messa di Gloria* ta' Puccini, il-*Messa Solenne di Santa Cecilia* ta' Gounod, il-*Coronation Mass* u *r-Requiem* ta' Mozart, ir-*Requiem* ta' Sammut u *Dun Gorg* ta' Camilleri, fost oħrajn.

Aquilina kanta f'kunċerti fl-Ingilterra fosthom dak li ttella' għall-okkażjoni tal-Ġubilew tad-Deheb tar-Reġina; il-*Gala Opera concert* flimkien mat-**Trans World Orchestra in Aid of Amnesty International** li sar f'*St. James'*, *Piccadilly* f'Londra, il-kunċert tal-ftuħ ta' **The Warminster Festival** u f'kunċerti

oħra sagri u operistiċi *f'Wiltshire, Surry, Bath* u Londra. Hu kanta ukoll fl-Italja, fl-Awstralja u fl-Afrika t'Isfel.

Fil-2002, ħa sehem f'festival internazjonali fil-Korea fejn fl-aħħar tal-festival ġie onorat bis-*Silver Cup and Diploma Award for Distinguished Solo Singer*. Waqt iż-żjara fil-Korea, Aquilina ġie kkummisjonat biex jirrekordja kanzunetta nazzjonali koreana tradott għall-Ingliż propju għall-okkażjoni.

Dan l-aħħar Aquilina rrekordja xogħlijiet ta' John Galea fl-istudio prinċipali tal-*Bulgarian National Radio*

flimkien mal-*Philharmonic Orchestra Collegium* ta' Sofja fil-Bulgarija.

Waqt il-laqgħa għolja taċ-*COGAM* li saret f'Malta, Aquilina kanta b'suċċess f'żewġ kunċerti quddiem diversi dinjitari mill-Commonwealth; kien akkumpanjat mill-Orkestra Statali ta' Ċipru. Irrekordja wkoll għadd kbir ta' *CD* li jinkludu xogħlijiet minn kompożituri ewlenin.



## Alfred Camilleri *B.A., Pgce*

Beda jistudja l-vuċi u l-interpretazzjoni ta' età żgħira fl-iskola tal-mużika Johann Strauss mal-Kontralt E. Thomas-Jones. Wara kompla mal-Mezzosopran Marie-Therese Vassallo. Wara li kien ir-rebbieħ tat-tieni edizzjoni tal-kompetizzjoni *Melita-Rossia* (1995), huwa kien il-mistieden speċjali tal-Konservatorju ta' Moska fejn attenda għal xi lezzjonijiet ta' perfezzjoni mas-Sopran Lydia Abramova u ta żewġ kunċerti fil-pubbliku, wieħed minnhom fis-sala prestiġġjuża tal-*Friendship House*.

Ħa sehem f'diversi kunċerti kemm f'Malta kif ukoll 'il barra minn xtutna. F'Malta kanta xogħlijiet kbar bħalma huma PAWLU TA' MALTA ta' Charles Camilleri, DEMM FUQ IL-VERNA u FILIPPU T'AĠĠIRA ta' Joseph Vella, SAN PAOLO EVANGELIZZA I MALTESE ta' Carlo Diacono, APOSTOLO DELLE GENTI ta' Marco Frisina, IL CUORE DI CROSTO ta' John Galea, il-MESSA ST. CECILE ta' Charles Gounod, ir-REQUIEM ta' Gabriel Faure`, THE LAST SEVEN WORDS ta' Theodore Dubois u MAGNIFICAT OSSECENSIS ta' Antonio Vivaldi. Kanta flimkien mal-*Orkestra Filarmonika Nazzjonali* ta' Malta, mar-*Reverienland Fanfare Orchestra* tal-Olanda u mas-*Sofia Collegium Symphony Orchestra* tal-Bulgarija. Barra xtutna kanta fit-teatri ta' Grosseto, Cecina u Terme di Chiancano, l-Italja fl-1999, fil-knisja ta' Santa Maria della Misericordia dei Bianchi f'Trecastagni Sqallija fl-2001 u fil-Kwartieri tar-Radju Nazzjonali Bulgaru f'Sofja fl-2005 .

Camilleri huwa mfittex ħafna mill-baned Maltin. Kanta l-parti tal-Baritonu solista f'ħafna xogħlijiet li dawn għoġobhom jippreżentaw lill-pubbliku Malti fosthom il-Kantati *Marija l-Imbierka fost in-nisa* ta' R. Bugeja, *Bi Twelidek Rebbaħtna* u *Tislima lil San Gejtanu* ta' R. Sciberras, *Divum Andream Apostolum* u *Cantata lil San Gejtanu* ta' J. Abela Scolaro, l-Oratorji *L-Għid tal-Assunta – Lilek Marija* ta' R. Sciberras, kif ukoll *Sanctus Gregorius Magnus* u *Jien Nikola – Protettur tagħkom* ta' R.Zammit. Mal-Banda *12th May* ta' Ħaż-Żebbuġ kanta l-parti ta' *Alfio* meta din tellgħet l-opra *Cavalleria Rusticana* ta' Pietro Mascagni. Ħa sehem ukoll fil-*Malta War Requiem* tas-Surmast Joseph Magri meta ttellgħet għall-ewwel darba f'pajjiżna mill-**Banda Sliema** f'Dar il-Mediterran għall-Konferenzi. Dawn ix-xogħlijiet imsemmija huma kollha rrekordjati f'*compact discs*.

Huwa l-ewwel Baritonu Malti li fuq inizjattiva tal-APS BANK irrekordja professjonalment mad-ditta *GEGA NEW* tal-Bulgarija is-sensiela ta' *compact discs* li jġibu l-isem SACRED MUSIC BY MALTESE COMPOSERS u li fihom l-aqwa xogħlijiet sagri Maltin tas-sekli dsatax u għoxrin, fosthom il-*Grande Messe* tas-Surmastrijiet Paolino Vassallo, Giuseppe Spiteri Fremond u Anton Nani. Huwa kellu x-xorti jippreżenta l-*compact discs* b'din il-mużika sagra lill-Qdusija Tiegħu l-Papa Benedittu XVI fi Pjazza San Pietru l-Vatikan nhar it-2 ta' Novembru 2005.

Il-vuċi ta' Alfred Camilleri tinstema' fuq ħafna *compact discs* oħra fosthom *Verbum Dei Caro Factum Est* tal-Librerija Preca, fl-2000, *Omm Beltna* tal-Banda San Ġorġ, Bormla, fl-2000, *Fik Ittamaw Missirjietna* tal-Banda Imperial, Mellieħa, fl-2001, *Warda Sbejħa tal-Karmelu* tal-Banda Queen Victoria, Żurrieq, fl-2003, *O Kbir Prekursur* tal-Banda Prekursur, Xewkija, fl-2006, *Regnum Dei* tal-Banda San Gejtanu, Ħamrun, fl-2006 u *Te Joseph Celebrent* tal-Cappella Diacono, fl-2007.

Alfred huwa *lecturer* tal-Malti fil-Livell Avvanzat u Intermedju ġewwa l-Kulleġġ De La Salle.



## Albertine Abela

Kantanta żagħżugħa li bdiet tistudja l-vuċi ta' seba' snin b'passjoni lejn il-mużika u l-palk. Infatti tistudja wkoll il-pjanu u tirreċta. Tifforma parti mis-*St Philip Pageant Group* fi ħdan l-Għaqda Każin Banda San Filep. Ħadet sehem f'diversi festivals lokali u *musicals* fosthom **Ir-Rebbieħ**. Għal dawn l-aħħar ħames snin tat is-sehem tagħha

fil-kunċerti mużikali li ttella' l-Għaqda Każin Banda San Filep matul is-sena kif ukoll fil-jiem tal-festa ta' San Filep. Minbarra l-mużika bħalissa qiegħda tistudja l-Liġi fl-Università ta' Malta.



## Sr Beniamina Portelli

Twieldet il-Birgu, il-kbira fost sitt ulied ta' Carmelo u Ines neè Calleja u semmewha Marion. Fi żmien il-gwerra, il-familja kienet refuġjata fis-Siġġiewi. Ta' ħames snin bdiet tistudja l-mużika taħt Sr Teresina Saliba u kompliet taħt il-gwida ta' Ms Bascetta sakemm akkwistat l-LRSM. Ta' sittax-il sena bdiet il-ħajja reliġjuża mal-Agostinjani.

Hija segwiet bosta korsijiet kemm f'Malta u kemm barra fosthom fil-Belt tal-Vatikan fl-1953 fuq il-kant tal-kor, f'Derbyshire fl-1964 fuq it-tagħlim tal-mużika, f'Londra fl-1985 u Edinburgh u l-1993 fi skejjel tal-mużika fuq id-direzzjoni tal-korijiet. Fil-kors għal-LLCM (Direzzjoni Korali) ġiet l-ewwel fost studenti mid-dinja kollha u rebħet il-midalja tas-Soċjeta tal-Mużika. Kmieni fis-snin ħamsin għamlet sena tgħallem il-mużika f'Ruma u meta ġiet lura Malta bdiet tgħallem il-mużika u torganizza kunċerti ta' tmiem is-sena skolastika. Fl-1964 waqqfet is-*St Monica Choir,* u wara kważi ħamsin sena dan il-kor mhux biss għadu għaddej tajjeb imma stabbilixxa ruħu bħala wieħed ta' kwalità għolja.

Is-St Monica Choir ikkollabora fost oħrajn ma' Mro Michael Laus u l-Orkestra Filarmonika ta' Malta, ma' Dr Steve Watson u l-*Beethoven Society* tal-Awstralja, Dr Hans-Jürgen Nagel u l-*Junge Philharmonie-Bradenburg* kif ukoll mad-direttur ta' fama internazzjonali Wayne Marshall. Ix-xogħolijiet li l-kor ħa sehem fihom jinkludu *The Armed Man: A Mass for Peace* ta' Karl Jenkins, id-9 Sinfonija ta' Ludwig van Beethoven, *Christmas Oratorio* u *St Matthew Passion* ta' Johann Sebastian Bach, il-*Carmina Burana* ta' Carl Orff u *Porgy and Bess* ta' George Gershwin. Fl-1999 il-kor sar l-ewwel u l-uniku kor t'adulti lokali li rebaħ il-*Malta International Choir Festival*. Is-sena ta' wara ngħata l-bronż fl-Ewwel Edizzjoni tal-Olimpjad tal-Korijiet li saru fil-belt ta' Linz, fl-Awstria. Fl-2010 il-kor St Monica ntgħażel minn fost seba' li applikaw, biex ikanta fir-Rabat waqt iċ-ċelebrazzjonijiet taż-żjara tal-Papa Benedittu XVI. Il-kor huwa reġistrat bħala Organizzazzjoni Volontarja u huwa membru affiljat tal-*Förderverein Interkultur*.

Is-suċċessi tal-kor jixhdu l-ħidma kbira u kontinwa ta' Sr Beniamina li x-xogħol tagħha ġie rikonoxxut mill-Kunsill Lokali tal-Mosta li taha 'Ġieħ il-Mosta' fis-sena 2000 u mill-Kunsill tal-Arti, Manifattura u Kummerċ li fl-istess sena taha l-Midalja tas-Soċjeta tal-Mużika. Fl-2003 rċeviet 'Ġieħ ir-Repubblika' mill-President Guido Demarco. Minn taħt idejha ħarġu bosta mużiċisti li għamlu isem sew f' Malta kif ukoll 'l hinn minn xtutna.



## Joseph Cortis

Twieled Ħaż-Żebbuġ fl-1944, il-kbir fost l-għaxar ulied ta' Katarin u Salvu. Beda t-tejatru ta' ħmistax-il sena ma' kumpanija Żebbuġija. Sena wara ngħaqad mal-Kumpanija Nazzjonali Drammatika Maltija ta' Joe Muscat Xerri.

Cortis ħadem fuq il-palk tat-Teatru Manoel, fuq ir-radju u t-televiżjoni taħt l-aqwa ta' Malta u ma' wħud mill-aħjar atturi Maltin. Ħadem drammi tal-aqwa awturi Maltin u barranin. Fost tal-ewwel hemm Frans Sammut, Frans Ebejer, Carmelo Aquilina, Oreste Callejja, Vince Vella u Trevor Żahra waqt li minn tat-tieni hemm Antob Chekov, Shakespeare, Milton u Neil Simon. Ġieli ħadem ukoll ma xi gruppi minn televiżjonijiet Franċiżi, Belġjani u Russi. Imma l-aktar li kien jieħu pjaċir, anzi jħossu onorat, kien meta kien isejjaħlu l-ħabib kbir tiegħu Frans Sammut biex jaqra miegħu, bħalma għamel fil-Każin San Filep, Ħaż-Żebbuġ. Fost l-okkażjonijiet ta' qari fil-pubbliku ma jinsa qatt 'il-Leġġenda ta' San Ġużepp' ta' Patri Ġuże Delia, fil-Każin L-Isle Adam, ir-Rabat, fejn kien introduċieh Frans Sammut.





# Joseph Chetcuti

Dr Joseph Chetcuti beda jistudja l-vjolin meta kien għadu ta' erba' snin. Għadda b'suċċess l-eżamijiet kollha fejn ġabhom b'distinzjoni u rebaħ il-premijiet fil-livelli intermedjarju, avvanzat u dak finali tal-*Associated Board of the Royal Schools of Music,* ta' Londra. Kompla l-istudji sakemm akkwista l-*Licentiate of the Trinity College of Music*, ta' Londra.

Joseph ilu membru tal-*Mediterranean Youth Orchestra* bbażata f'Aix-en-Provence. B'rieħet dan huwa daqq f'Monaco bħala mistieden speċjali tal-Prinċep Ranier; f'Casa Blanca (l-Marokk); f'Cologne (il-Ġermanja) u f'Marsilja (Franza). Joseph daqq ukoll f'kunċerti lokali bħala solist u flimkien ma' oħrajn f'*ensemble* u anke ma' orkestri.

Dr Chetcuti kien involut f'kemm-il programm televiżiv, kemm bħala preżentatur kif ukoll bħala produttur ta' programmi informattivi, soċjali u ta' divertiment. Ipparteċipa fi programmi televiżivi lokali bħal Xarabank (1996/1997), Referendum (1997), Magazin (1997/1998), Tiramisu` (1999/2000), Nies ta' Veru (2001/2005) u oħrajn. Jippreżenta u jipproduċi l-programm televiżiv "Arani Issa" (mill-2006 sal-lum).

Dr Chetcuti huwa avukat, gradwat bħala Doctor of Laws u għandu grad ta' Masters fis-Servizzi Finanzjarji.

GĦAQDA KAŻIN BANDA SAN FILEP AD 1851
12, Misraħ San Filippu Ħaż-Żebbuġ

Find us on Facebook www.facebook.com/KBSFAD1851

www.bandasanfilep.com.mt